**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Kawża Numru: 127/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**kontra**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Omissis;

Billi inti akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur ta' qabel din id-data:-

1. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet **f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek;**

2. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Talli kkommettejt reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud LL.D nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[3];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih[4];

Rat illi permezz ta' talba magħmula fl-udjenza ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-imputat talab lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga[5];

Rat illi permezz ta' digriet datat ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020)[6] din il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta'

[1] A fol. 112 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 4 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 119 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 8 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 8 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 77 tal-atti proċesswali

Persuni li Nqabdu bid-Droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021)[7] u d-dokument anness mal-istess nota, fejn il-Bord rrakomanda li l-każ ikun magħluq mhux b'suċċess stante nuqqas ta' progress tal-imputat, li ma mpenjax ruħu biżżejjed sabiex isegwi l-*careplan*.

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[8], il-Qorti wara li rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) li permezz tiegħu kienet assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga;

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

L-**Ispettur Malcolm Bondin**[9] xehed illi nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), kienu saru xi *spot checks* mill-Pulizija tar-*Rapid Intevention Unit*, fl-akwati ta' Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan. Hemmhekk kienu waqfu vettura tat-tip Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni GBS 431, li fiha kien hemm madwar erba' persuni u fuq il-persuna ta' ċertu Nicholai Agius, kif ukoll fuq il-persuna ta' Omissis, instabu sustanzi suspettati droga. Dawn iż-żewg persuni ġew arrestati fuq il-post, mogħtija d-drittijiet tagħhom u meħuda il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar investigazzjonijiet. L-Ispettur Bondin igħid li huwa nvestiga liż-żewġ persuni msemmija. Huwa jgħid li lil Omissis li għaraf bħala l-imputat preżenti fl-Awla, kien tah id-drittijiet tiegħu fil-preżenza ta' ommu, peress li dak iż-żmien kien għadu minuri. Kien fil-fatt stenna sakemm waslet ommu fuq il-post. Igħid li tkellem mal-imputat fil-preżenza ta'

[7] A fol. 99 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 104 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 11 tal-atti proċesswali

ommu u kemm hu, kif ukoll ommu, kienu għażlu li ma jkellmux avukat. Igħid li l-imputat kien irilaxxa stqarrija dakinhar stess tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għoxrin ta' wara nofsinhar (4.40 p.m), fejn kien wieġeb għal kull domanda li saritlu.

L-Ispettur Bondin igħid li l-imputat kien spjegalhom kif kien qabad il-vizzju tad-droga, fl-eta' ta' tnax-il sena. L-imputat kien stqarr ukoll li huwa kien qiegħed juża madwar ħames grammi (5g) *Cannabis* kuljum. Kien spjegalu ukoll minn fejn kien jixtri din is-sustanza, li kien qiegħed jixtri għall-prezz ta' madwar tnax-il euro il-gramma. Ix-xhud jispjega li l-imputazzjonijiet odjerni kienu nħarġu għax fuq il-persuna tal-imputat kienu nstabu tnejn u għoxrin (22) gramma, kif ukoll is-somma ta' seba' mija u ħamsin euro (€750). Ix-xhud igħid li għalhekk il-Pulizija kellha suspett raġjonevoli li d-droga ma kinitx kollha għall-użu tiegħu u dan anke in vista tal-fatt li l-imputat ma kienx jaħdem u ma kellux il-flus sabiex imantni l-vizzju. Igħid li l-imputat kien jagħmel biss xi xogħlijiet żgħar fis-Sajf.

Ix-xhud jispjega ukoll li l-imputat kien jgħix għand in-nanniet li kienu jieħdu ħsiebu ħafna. Jispjega li l-imputat kien għaddej minn sitwazzjoni daqsxejn kerha u kien jidher li kien qiegħed jirribella u kien qiegħed iqatta' ħafna ħin barra, ma kumpanija li mhux tajba u jkun f'postijiet li ma tantx kienu sbieħ. L-Ispettur Bondin ppreżenta d-dikjarazzzjoni tar-rifjut tal-parir legali li ġiet immarkata bħala 'Dok MB1', l-istqarrija tal-imputat li ġiet immarkata bħala 'Dok MB2', *evidence bag* bin-numru S00698910 kontenenti l-flus kontanti li instabu fuq il-persuna tal-imputat fl-ammont ta' seba' mija u ħamsin euro (€750) li ġiet immarkata bħala 'Dok MB3'[10], *evidence bag* bin-numru S00165724 kontenenti s-sustanza li instabet fil-pussess tal-imputat u żewg *crushers* immarkati bħala 'Dok MB4', *envelope* kontenenti miżien diġitali li nstab ġewwa d-dar tan-nanniet tal-imputat, fi Triq Ġianni Bencini, Tas-Sliema immarkat bħala 'Dok MB5', u *envelope* kannella kontenenti *mobile phone* tal-għamla Samsung, ta' kulur abjad, li fih żewġ SIM cards li sabu fuq il-persuna tal-imputat li ġie mmarkat bħala 'Dok MB6'.

<u>In kontro-eżami</u>, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-Ispettur Bondin ikkonferma li l-istqarrija tal-imputat kienet ittieħdet fi żmien meta l-imputat kellu d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt it-

[10] Dawn il-flus ġew rilaxxati a favur tal-imputat in segwitu għal digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022

teħid tal-istqarrija, iżda ma kellux id-dritt li jkellem avukat qabel it-teħid tal-istqarrija. Mistoqsi jekk il-flejjes li ġew elevati mingħand l-imputat fl-ammont ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) u eżebiti l-Qorti, għandhomx provenjenza illeċita jgħid li ma rriżultalux li kien l-każ.

**PC 899 Jean Paul Vella**[11] xehed illi nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (2:15 p.m) kien qiegħed jagħmel ronda mal-kollega tiegħu PC 450 u kienu għaddejjin minn Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan fejn inzertaw vettura tal-għamla Volkswagen Passat bin-numru ta' registrazzjoni GBS 431. Din il-vettura kellha xi daqqiet fuqha u kienet qegħda tinstaq b'mod perikoluż. B'hekk iddeċidew li jwaqqfuha u rriżulta li kien hemm żewġ persuni fil-karozza, li kienu ċertu Nikolai Agius u Omissis li x-xhud għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla, li kien passiġġier fl-istess vettura. Ix-xhud igħid li huma kellhom suspett li seta' kien hemm xi sustanza illegali fil-vettura u għalhekk għamlu tfittxija fil-vettura u bejn is-seat tax-xufier u l-*hand brake* kienu sabu pakkett b'sustanza kannella fil-ħadrani. Fil-vettura nstabu ukoll tliet *crushers* u Nikolai Agius kien ammetta magħhom li wieħed minn dawn il-*crushers* u l-pakkett li nstab ħdejn is-seat tax-xufier kienu tiegħu. Ix-xhud jispjega li huma kienu ħarġu lill-imputat mill-vettura, u minn fuq il-persuna tiegħu elevaw pakkett li kien jikonsisti f'żewġ boroż separati, li l-imputat qalilhom li kienu tiegħu stess. Igħid li dawn iż-żewġ persuni kienu ngħataw is-solita twissija u ttieħdu l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar investigazzjoni.

**PC 450 Christopher Bartolo**[12] xehed illi nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (2:15 p.m) kien qiegħed jagħmel ronda mal-kollega tiegħu PC 899 fl-inħawi ta' San Ġiljan. Meta kienu għaddejjin minn Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan innutaw vettura tal-għamla Volkswagen Passat bin-numru ta' registrazzjoni GBS 431 li dehret suspettuża. Huma ddeċidew li jwaqqfu din il-vettura u rriżulta li fiha kien hemm żewġ persuni, li kienu ċertu Nikolai Agius u Omissis li x-xhud għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla, li kien passiġġier fl-istess vettura. Ix-xhud igħid li meta kellmu lix-xufier, innutaw li kien hemm pakkett bejn is-seat u l-*hand brake*, u xammew riħa ta' sustanza suspettata ħaxixa. Igħid li dan il-pakkett

[11] A fol. 21 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 23 tal-atti proċesswali

irriżulta li kien ta' Agius. Igħid li saret ukoll tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, u kien instab pakkett b'sustanza suspettata *cannabis grass*. Igħid li l-imputat ingħata d-drittijiet tiegħu u ġie nfurmat li kien taħt arrest. Minn hemmhekk ittieħed fil-Kwartieri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga għal iktar investigazzjoni. Muri 'Dok MB4' ix-xhud igħid li qiegħed jagħrfu bħala l-pakkett li kien fil-*boxer shorts* tal-imputat.

**Dr. Stephen Farrugia Sacco**[13] li nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kien ġie nkarigat minn din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex joħroġ il-kontenut tal-*mobile phone* u tas-SIM Cards, eżebiti bħala 'Dok MB 6', espleta l-inkarigu tiegħu u preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok SFS', kif ukoll rritorna l-eżebit li fuqu għamel l-analiżi.

Illi fis-seduta ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tinnomina ukoll **espert sabiex jeżamina l-allegata sustanza**, eżebita u mmarkata bħala 'Dok MB4' u 'DOK MB5', iżda dakinhar id-difiża kienet talbet lill-Qorti sabiex ma tiddekretax it-talba f'dak l-istadju u dan għal raġunijiet li skond il-verbal tal-istess udjenza, ġew spjegati lil din il-Qorti diversament preseduta.

Id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni mill-ħtieġa li tressaq bħala xhieda lil **WPS237** u **PC 1013** sabiex jikkonfermaw il-firem tagħhom fuq id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali mmarkata bħala 'Dok MB1' u l-istqarrija tal-imputat immarkata bħala 'Dok MB2[14]'

**Id-difiża ressqet is-segwenti xhieda, prinċipalment in sostenn tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta:-**

**L-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud**[15] xehdet fis-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u spjegat li fil-passat hija kienet issegwi lill-imputat in segwitu għal erba' (4) Ordnijiet ta' Superviżjoni. Tgħid li l-aħħar kuntatt li kellha mal-imputat, kien fil-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), meta huwa kien fil-Faċilita' Korrettiva tal-Imtaħleb. Hija spjegat li l-imputat kellu

---

[13] A fol. 36 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[15] A fol.26 tal-atti proċesswali

l-problema tad-droga, iżda meta kienet qegħda ssegwih hi, l-imputat ma kienx qiegħed jikkoopera magħha u ma kienx wera ix-xewqa li jsegwi pjan ta' kura sabiex jindirizza l-problema tad-droga.

**Rachel Ciantar mill-Aġenzija Sedqa**[16], xehdet fis-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u stqarret li l-imputat ġie riferut għall-Aġenzija Sedqa f'Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) mill-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ Donatella Bruno. Tgħid li l-każ tal-imputat kien ġie allokat lilha f'Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Tispjega li l-imputat kien qiegħed jiskonta sentenza ġewwa l-Imtaleb u hemmhekk kienet iżżomm kuntatt miegħu darba fix-xahar, pero kien sar arranġament illi ġjaladarba jiskonta s-sentenza, il-kuntatt jibda jsir darba kull ħmistax-il ġurnata. Ix-xhud tispjega li l-ewwel kuntatt mal-imputat wara li skonta s-sentenza, kien sar fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), pero l-appuntament kien ingħata għall-ħmistax(15)-il ġurnata wara u l-imputat m'attendiex għalih. Tgħid li imbagħad il-kuntatt inqata' għal ċertu żmien u imbagħad reġgħu ltaqgħu fit-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn ix-xhud offrietlu l-għajnuna tagħha, anke sabiex jerġa' jadatta għall-ħajja tiegħu wara li skonta sentejn ħabs.

**JS**[17], li tiġi omm l-imputat, xehdet nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u tgħid illi l-imputat ta' ħdax jew tnax-il sena diġa' kien jieħu d-droga. Hija tiddeskrivi l-atteġġjament problematiku li kellu l-imputat sa minn eta' żgħira. Tgħid li wara li skonta sentenza, l-imputat mhux qiegħed jieħu droga iżda qiegħed jissakkar fil-kamra tiegħu u ma joħroġx minn hemmhekk għaliex qiegħed isibha diffiċli sabiex jerġa' jintegra ruħu fis-soċjeta'.

## L-Istqarrija tal-imputat[18]

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-preżenza ta' ommu JS u PC 1013 Raymond Debono, wara li ngħata t-twissija li *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova."* Huwa ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni, liema jedd huwa għażel li jirrifjuta.

[16] A fol. 29 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 32 tal-atti proċesswalima
[18] A fol. 16 tal-atti proċesswali

L-imputat jistqarr li dak iż-żmien ta' l-istqarrija ma kienx qiegħed jaħdem jew jistudja u li ma kien qiegħed jagħmel xejn. Jgħid li huwa magħruf bħala 'Il-Kusa' u fl-indirizz ta' Marsascala li ta lill-Pulizija, igħix flimkien ma' ommu u l-għarus tagħha. Madanakollu jgħid li dak iż-żmien kien qiegħed igħix man-nanna tiegħu ġewwa tas-Sliema. Jikkonferma li meta waqfuh il-Pulizija ġewwa Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan, sabulu żewg pakketti mdaqqsa b'sustanza ħadranija suspettata droga u żewġ crushers tal-ħadid b'xi traċċi. Huwa jikkonferma ukoll li dik is-sustanza li nstabet għandu hija ħaxixa biex ipejjipha. Jistqarr li huwa juża l-*cannabis* minħabba l-i*stress* u minħabba il-ħbieb li jagħmilha magħhom. Igħid li jabbuża mill-ħaxixa biss u jpejjipha bħala *joint* u jieħu ħames grammi kuljum. Mistoqsi kemm ilu jabbuża mill-*Cannabis*, igħid li huwa kien beda meta kien għandu tnax-il sena. Jikkonferma ukoll li lejliet li ġie mwaqqaf mill-Pulizija huwa kien ħa l-*Cannabis.*

Mistoqsi minn fejn kien xtara l-*Cannabis* li l-Pulizija kienu sabu fuqu, igħid li din kien xtraha l-ġurnata ta' qabel mingħand persuna ta' nazzjonalita' Għarbija jismu Abu Di, għal prezz ta' tnax-il euro il-gramma. Mistoqsi kif sar jaf lil din il-persuna, igħid li xi ħames jew sitt xhur qabel, kien rah b'*joint* f'idu u kien staqsieh jekk jistax jixtri d-droga *Cannabis* mingħandu. Igħid li kien jixtri xi għoxrin gramma kull ġimgħa mingħandu. Igħid li Abu Di ikun dejjem l-istess post, il-Belt, ħdejn ħanut żgħir tat-te. Jikkonferma li l-flus kien itihom lilu stess. L-aħjar ħin biex jinqeda jgħid li hu kull nhar ta' Erbgħa bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (7.00 p.m) u t-tmienja ta' filgħaxija (8.00 p.m).

Mistoqsi jiddeskrivi lil dan Abu Di, igħid li huwa persuna b'xagħru sewda, goffa, twil, ta' statura normali, u b'ġilda skura u jaħseb li hu Libjan. Mistoqsi jikkonferma jekk fuq persuntu nstabx *mobile phone* li jieħu żewg SIM cards u li fuqu nstabu messaġġi bħal *ġibli erbgħa (4)* jew *sebgħa (7),* igħid li dawn il-messaġġi huma ta' nies li jitolbuh il-ħaxixa, izda jgħid li hu ma jtihomx. Huwa jikkonferma li ġieli bagħat messaġġi li jitkellmu fuq prezzijiet, iżda jgħid li dawk huma prezzijiet li jkun hemm fis-suq u jibgħathom sabiex jinfurmahom. Igħid pero li droga ma jbiegħx iżda jixtriha għalih.

Muri *evidence bag* kontenenti żewg pakketti b'sustanza ħadranija li nstabu fuqu mill-Pulizija, li ġew imwieżna quddiemu u li kellhom erbatax punt erbgħa erbgħa disgħa grammi (14.449g) u sebgħa punt sitta ħamsa disgħa grammi (7.659g) rispettivament, jikkonferma li dawn huma tiegħu u li nstabu għandu. Mistoqsi

jekk il-flus li instabu fuqu u cioe' seba' mija u ħamsin ewro (€750) humiex tiegħu, igħid li huma tiegħu u li kien faddalhom fl-aħħar ħames xhur. Igħid ukoll li ilu wieqaf mix-xoghol għal madwar xahar. Jistqarr li kien ilu jaħdem għal madwar ħames xhur u jikkalkula li qala' xi tmien mija u ħamsin ewro (€850). Ikkonferma li ommu ittih għoxrin ewro (€20) biex jiekol u nanntu jiekol għandha u ttih bejn għaxar ewro (€10) u ħmistax-il ewro (€15) kuljum. Igħid li huwa jirnexxilu jmantni dan il-vizzju bl-eżatt.

Huwa jerġa' jistqarr li qatt ma biegħ droga. Mistoqsi ma min jagħmilha, igħid li jagħmilha ma ċertu Kylie u Owen mill-Gżira. Jistqarr li sabiex imantni l-vizzju tad-droga, jipprova ma jixtrix ikel u xorb minn barra u juża l-flus li jkollu għad-droga. Igħid ukoll li dakinhar meta waqfuh il-Pulizija kien għaddej dawra ma sħabu bil-karozza. Mistoqsi sabiex jagħti l-*password* tat-telefon ċellulari tiegħu, jgħid li huwa 99200649.

**Ikkunsidrat:-**

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ser tindirizza l-lanjanza li tqajjmet mill-imputat, in kwantu għal prova tal-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, li ġiet imressqa mill-prosekuzzjoni bħala prova in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat. Illi l-abbli avukat difensur issottometta li din il-Qorti m'għandhiex tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala prova stante li fil-fehma tiegħu din hija vizzjata u dan għaliex minkejja li l-imputat li kien għadu minuri, kien ingħata id-dritt li jikkonsulta ma avukat preċedentement għat-teħid ta' l-istqarrija, dritt li huwa irrifjuta, huwa qatt ma ingħata l-fakolta jew id-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-istqarrija nnifisha. B'konsegwenza ta' dan, huwa jissottometti li l-istqarrija għandha titqies li m'għandhiex valur probatorju jew titqies inammissibli minħabba dan id-difett. Id-difiża issostni ukoll li jekk din il-linja difensjonali tigi milqugħa, allura din il-Qorti ma jkollha l-ebda triq oħra salv li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u dan anke in vista tal-fatt li s-sustanza eżebita qatt ma ġiet analizzata.

Illi l-Qorti għalhekk trid qabel xejn, tiddetermina x'valur probatorju għandha tingħata l-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Illi jirriżulta li l-imputat, ġie mitkellem mill-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxa stqarrija nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-preżenza ta' ommu JS u dan stante li kien għadu minuri u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-

dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Illi hekk kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat immarkata bħala 'Dok MB1', l-imputat ma kienx ingħata d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw il-fatt li l-imputat ma ġiex mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Konsegwentement jirriżulta li l-unika raġuni l-għaliex l-imputat ma ġiex mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju kienet li dak iż-żmien dan id-dritt ma kienx għadu daħal fis-seħħ. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), permezz tal-Avviż Legali numru erba' mija u wieħed (401) tas-sena elfejn u sittax (2016);

Minn qari tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirriżulta kjarament li l-imputat, li kien għadu minuri, inkrimina lilu nnifsu in kwantu għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tant li l-istqarrija tal-imputat hija l-prova determinanti u l-unika prova li fuqha qegħda tistrieħ il-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, u dan stante li s-sustanza eżebita qatt ma ġiet analizzata.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mogħti fil-każ **Beuze v il-Belgju**[19] tad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), u l-prinċipji stabbiliti riċentament permezz tas-sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[20]. Fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-għan li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Dan naturalment japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, li fiha jirreferi għal dak li qal l-istess imputat fl-istqarrija tiegħu.

---

[19] App. Numru 71409/10

[20] F'dan is-sens issir referenza għas-segwenti sentenzi (iżda mhux biss) **Morgan Onourah vs l-Avukat tal-Istat** Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021, **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat**, Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022, **Emmanuele Spagnol -vs- Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023 u **Jean Marc Dalli -vs- Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023.

Illi in kwantu għal dak dikjarat mid-difiża fir-rigward tas-sustanza eżebita, u cioe' li s-sustanza li ġiet elevata minn fuq l-persuna tal-imputat, eżebita in atti, qatt ma ġiet analizzata, jirriżulta mill-atti li minkejja li fl-udjenza ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-prosekuzzjoni kienet talbet in-nomina ta' espert sabiex jeżamina l-istess sustanza, fl-istess udjenza l-Qorti diversament preseduta kienet ġiet mitluba mid-difiża sabiex ma tidekretax din it-talba. Jirriżulta ukoll illi l-Prosekuzzjoni sussegwentement proċediet sabiex tagħlaq il-provi tagħha mingħajr ma reġgħat talbet lill-Qorti sabiex tinnomina espert sabiex janalizza l-istess sustanza. Illi konsegwentement jirriżulta mill-atti proċesswali, illi l-*evidence bag* bin-numru S00165724 kontenenti s-sustanza li instabet fil-pussess tal-imputat u żewg *crushers* immarkati bħala 'Dok MB4', kif ukoll l-*envelope* kontenenti miżien diġitali mmarkat bħala 'Dok MB5', qatt ma ġew analizzati. Għaldaqstant, għalkemm il-prosekuzzjoni qegħda tallega li dawk is-sustanzi kienu jikkonsistu f'*cannabis*, fin-nuqqas ta' kwalsiasi analiżi, il-Qorti ma hijiex f'posizjoni tkun taf x'kien fihom is-sustanzi in kwistjoni !

Skartata l-istqarrija tal-imputat u ġjaladarba kif ingħad, din kienet l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, stante li kif ingħad ma saret l-ebda analiżi fuq is-sustanzi in kwistjoni, dina l-Qorti ma tista' qatt issib lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant l-imputat ser jiġi liberat minnhom.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, imbagħad, ossia dik li permezz tagħha l-imputat ġie akkużat li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ġjaladarba mhux qegħda tinstab reita` fl-imputat dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, ifisser illi l-imputat lanqas ma jista' jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

### Decide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Għaldaqstant il-Qorti mhux qegħda tordna l-ħlas tal-ispejjez in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza eżebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li l-imputat kien minuri fiż-żmien tal-każ odjern, tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u ta' isem il-familjari tiegħu.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara